**NEMMEN FL-ISPIRTU S-SANTU, IL-MULEJ LI JAGĦTI L-ĦAJJA**

**DOMINUM ET VIVIFICANTEM**

**Enċklika tal-Papa Ġwanni Pawlu II**

**dwar l-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tal-Knisja u tad-Dinja**

**Kitba ta' Patri Marcello Ghirlando ofm**

## Introduzzjoni

L-Enċklika fuq l-Ispirtu s-Santu ħarġet fit-18 ta' Mejju 1986 – erbgħa u tletin sena ilu! Kull enċklika timmarka ġrajja importanti fil-ħajja tal-Knisja, issir qisha dawl li ddawwal il-ħajja ta' kull nisrani, anke llum.

Fil-fatt, kull enċklika hija sejħa biex nagħmlu eżami ta' kuxjenza. Ir-ragħaj tal-Knisja jistedinna nirriflettu fuq xi punt importanti tal-ħajja nisranija tagħna, riflessjoni li trid tmiss il-ħajja tagħna u tagħti spinta ġdida lill-għixien tagħna bħala dixxipli ta' Ġesù.

L-enċklika Dominum et Vivificantem, tikkompleta r-riflessjoni trinitarja tal-Papa San Ġwanni Pawlu II fuq il-misteri tal-fidi. Niftakru li l-Papa kien diġà tkellem fuq Ġesù, fir-Redemptor Hominis, kien tkellem fuq il-Missier, fid-Dives in Misericordia. Issa kien imiss ir-riflessjoni fuq l-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja.

Li nirriflettu fuq l-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna hija xi ħaġa neċessarja! Fejn hemm l-Ispirtu s-Santu, mifhum u mgħajjex fil-ħajja tagħna, hemm il-ħajja.

Fejn mhemmx Spirtu, mhemmx ħajja. Minn hawn titwieled in-neċessità li nirriflettu fuq l-Ispirtu, nifhmuh aħjar u nħalluh jaġixxi fil-ħajja tagħna.

## L-idejat important

Qabel ma nidħlu fil-qari/riflessjoni sistematika ta' l-enċklika, tajjeb jekk inġibu quddiem għajnejna l-idejat il-kbar ta' l-istess enċklika.

L-Ispirtu s-Santu huwa l-għajn u l-qawwa dinamika tat-tiġdid fil-Knisja [2].

L-Ispirtu s-Santu huwa s-sigriet ta' l-imħabba [2].

L-Ispirtu s-Santu huwa l-gwida suprema tal-bniedem, id-dawl ta' l-ispirtu tal-bniedem [6].

L-Ispirtu s-Santu huwa Persuna-Imħabba, huwa Persuna-Don [10].

Il-fidi tiftaħ il-qalb biex il-bniedem jirċevi dan il-don: Alla jikkomunika ruħu lill-bniedem bl-Ispirtu s-Santu [51].

F'isem il-qawmien ta' Kristu il-Knisja tħabbar li l-ħajja hija aktar qawwija mill-mewt. Dak li jagħti din il-ħajja huwa l-Ispirtu s-Santu. Il-Knisja tħabbru u miegħU tikkollabora biex tagħti l-ħajja [58].

Il-Knisja hija sinjal u strument tal-presenza u tal-azzjoni ta' l-Ispirtu li jagħti l-ħajja [64].

L-Ispirtu, bil-qawwa tan-nifs tal-ħajja, jimla u jsaħħaħ il-pellegrinaġġ tal-bniedem fuq din l-art. L-Ispirtu igħaqqad il-bniedem, il-ħolqien, l-istorja u jmexxi kollox lejn l-iskop finali...Alla [64].

Fejn hemm it-talb fid-dinja, hemm il-presenza ta' l-Ispirtu, ir-ruħ tat-talb [65].

L-Ispirtu s-Santu huwa d-don li jinżel fil-qalb ta' kull bniedem permezz tat-talb. L-Ispirtu mhux biss jagħmel li aħna nitolbu imma jmexxi l-istess talb tagħna [65].

L-Ispirtu s-Santu huwa l-ħarries tat-tama fil-qalb tal-bniedem [67].

## Struttura ta' l-Enċklika

Il-binja ta' l-enċklika hija sempliċi:  fl-ewwel 26 paragrafu il-Papa jwieġeb għall-mistoqsija:  Min hu l-Ispirtu s-Santu?  Mill-paragrafu 27 sat-48 il-Papa jitkellem fuq l-Ispirtu u l-ħażen, id-dnub u l-mewt.  Mill-paragrafu 49 sas-67 il-Papa jitkellem fuq l-Ispirtu u t-tajjeb, il-ħajja divina.  Fil-fatt mill-paragrafu 27 sa l-aħħar il-Papa jwieġeb għall-mistoqsija:  X'jagħmel l-Ispirtu s-Santu?

X'nistgħu nikkumentaw fuq l-enċklika?

Hija meditazzjoni biblika, katekeżi mill-isbaħ fuq l-Ispirtu s-Santu li titlaq mid-diskors ta' Ġesù waqt l-aħhar ċena.  Il-Papa jinsisti fuq diversi idejat important.

L-Ispirtu huwa frott is-salib ta' Kristu;  l-Ispirtu jikxef il-hażen tal-bniedem biex jifdi lil bniedem;  l-Ispirtu joħloq ħajja ġdida u jgħin lill-bniedem iħares il-ħajja divina fih;  l-Ispirtu jaħdem biex jgħaqqad il-bnedmin kollha;  fejn hemm it-talb hemm l-Ispirtu s-Santu;  l-Ispirtu huwa t-tama tad-dinja tallum;  l-Ispirtu huwa Persuna, persuna li ddawwal u tmexxi, don tal-Missier u ta' l-Iben;  il-Penetekoste hija t-twettiq tal-ħolqien.

## MIN HU L-ISPIRTU S-SANTU

**Ġesù iwiegħed u jippreżenta l-Ispirtu s-Santu bħala l-Paraklitu, ix-Xhud, l-Imgħallem, il-gwida lejn il-verità, il-Glorja ta' Kristu, l-Ispirtu tal-Verità, il-Mibgħut tiegħu u tal-Missier [3-14].**

**Min hu l-Ispirtu s-Santu: iwieġeb Ġesù.**

Ġesù iwegħed l-Ispirtu s-Santu: U jiena nitlob lill-Missier u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom, l-Ispirtu tal-verità...[Ġw 14, 16].

Ġesù jippreżenta l-Ispirtu u jagħtih seba' ismijiet:

**PARAKLITU**, li jfisser Difensur, dak li jinterċedi, jagħti l-faraġ.

**XHUD:** Meta jiġi d-Difensur, li se nibgħatilkom minngħand il-Missier, l-Ispirtu tal-Verita', huwa jixhed għalija [Ġw 15, 26].

**MGĦALLEM**: Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu li l-Missier jibgħat f'ismi, huwa jgħallimkom kollox [Ġw 14, 26].

**MEXXEJ LEJN IL-VERITÀ**: Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha [Ġw 16, 13].

**GLORJA TA' KRISTU:** Hu jagħtini glorja, għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom [Ġw 16, 14].

**SPIRTU TA' VERITÀ**: Meta jiġi d-Difensur, li se nibgħatilkom minngħand il-Missier, l-Ispirtu tal-Verita'...[Ġw 15, 26].

**MIBGĦUT MINN KRISTU**: Madankollu, ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li jiena mmur: jekk ma mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom: imma jekk immur nibgħatulkom [Ġw 16, 7].

**MIBGĦUT MILL-MISSIER**: U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom [Ġw 14, 16].

Ġesù jisħaq fuq il-prinċpju li l-Ispirtu jiġi mogħti frott is-Salib tiegħu:

Madankollu, ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li jiena mmur: jekk ma mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom: imma jekk immur nibgħatulkom [Ġw 16, 7].

**Approfondiment [Parti 1, paragrafi 3-14]**

A. Ġesù iwiegħed u juri min hu l-Ispirtu s-Santu waqt l-aħħar ċena.

F'dan il-mument importanti tal-ħajja ta' Ġesù, il-Mulej iwiegħed Difensur ieħor: U jekk titolbu xi ħaġa f'ismi jiena nagħmilha, biex il-Missier ikun igglorifikat permezz ta' Ibnu. Iva, jekk titolbuni xi ħaġa f'ismi, jiena nagħmilha....u jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom, l-Ispirtu tal-Verità, li d-dinja ma tistax tirċevih, għax hija la tarah u lanqas tagħarfu. Iżda intom tagħarfuh, għaliex igħammar magħkom, u huwa fikom. Ma nħallikomx iltiema...[Ġw 14, 13-18].

Ġesù iwiegħed Difensur, avukat, dak li jinterċedi. Huwa 'ieħor', għaliex l-ewwel Difensur huwa Kristu u l-Ispirtu jiġi mogħti minnu biex il-Knisja tkompli l-opra tal-fidwa li seħħet bil-qawwa ta' Ġesù. B'dan il-kliem, Ġesù iħejji l-appostli għat-tluq tiegħu u iwiegħdhom konsolatur [3].

Wara li jħabbar it-tluq tiegħu u l-wegħda ta' l-Ispirtu, Ġesù iżid: Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, igħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għidtilkom [Ġw 14, 26]. Mela l-Ispirtu kellu jkun id-Difensur filli jkun presenza fil-Knisja, presenza li tgħallem u tfakkar, presenza li tgħin lill-Knisja tilqa', tifhem u xxandar kontinwament il-Bxara t-Tajba ta' Kristu. Il-presenza ta' l-Ispirtu għalhekk issir garanzija li l-Knisja xxandar lil Kristu sħih, li xxandar il-Verita' ta' l-Imgħallem [4].

Fix-xandira tal-Bxara t-Tajba, l-appostli/il-Knisja kellhom ikunu mgħejjuna, anzi animati, mill-Ispirtu: Meta jiġi d-Difensur, li se nibgħatilkom minngħand il-Missier, l-Ispirtu tal-verità, li ġej mill-Missier, huwa jixhed għalija. U intom ukoll tixhdu, għax intom kontu miegħi sa mill-bidu [Ġw 14, 26-27]. L-esperjenza diretta li l-appostli kellhom ta' Kristu - esperjenza okulari, ta' smiegħ eċċ - tiġi sostnuta mill-ħidma ta' l-Ispirtu u tiġi mgħoddija bil-qawwa ta' l-Ispirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra [5].

Fil-fatt Ġesù ikompli jgħid: Baqgħali ħafna ħwejjeġ x'ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux għalihom. Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-Verità, iwassalkom għall-verità kollha; għaliex hu ma igħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni [Ġw 16, 12-13].

Fil-fatt kellu jkun l-Ispirtu li jmexxi lill-appostli għall-verità kollha, jiġifieri li jifhmu l-misteru sħiħ ta' Kristu anke fl-umiljazzjoni tiegħu fuq is-Salib li twassal għall-glorja tal-qawmien. L-Ispirtu kellu jwassalhom biex jifhmu bis-sħih l-iskandlu tas-salib. U l-Ispirtu llum iwassal lil min jemmen għall-verità kollha; għall-għarfien sħiħ tal-misteru ta' Kristu - ta' dak li għamel u għallem, tal-ġrajja tal-Kalvarju - fil-ħajja proprja u fil-ħajja tal-Knisja [6].

L-Ispirtu mela huwa marbut intimament ma' Kristu. L-Ispirtu huwa d-Difensur 'l-ieħor' li jwassal lil min jemmen biex jieħu sehem fil-Misteru ta' Kristu, fil-fidwa. Hu għalhekk li l-Ispirtu s-Santu, permezz tal-Knisja, ikompli iġib fil-

preżent il-fidwa ta' Kristu:  Hu jagħtini glorja, għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi u jhabbru lilkom [Ġw 16, 14].

Ir-rivelazzjoni ta' Alla nnifsu li sseħħ fil-ġrajja Ġesù tkompli fil-preżent bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu:  Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi. Għalhekk għidt li jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom  [Ġw 16, 15] [7].

B.  Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

Fid-Diskors ta' l-Aħħar Ċena, Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu jiġu msemmija b'mod ċar bħala Persuni marbutin flimkien b'rabta intima ta' mħabba. L-Ispirtu ġej mill-Missier [Ġw 15, 26], il-Missier jagħti l-Ispirtu [14, 16]. Il-Missier jibgħat l-Ispirtu f'isem l-Iben [14, 26], filwaqt li l-Ispirtu jagħti xhieda għall-Iben [15, 26].  L-Iben jitlob lill-Missier biex jibgħat id-Difensur [14, 16], imma iwiegħed ukoll li meta jitlaq hu, jibgħat hu stess id-Difensur [16,7]. Mela l-Missier jibgħat lill-Ispirtu kif kien bagħat lill-Iben, imma fl-istess ħin jibgħatu bil-qawwa tal-fidwa ta' Kristu.  U Kristu jibgħatu bl-istess qawwa. L-Ispirtu fil-fatt kellu jintbagħat minħabba l-fidwa mwettqa minn Kristu fuq is-salib, skond ir-rieda tal-Missier [8].

F'dan id-diskors mela nistgħu nitkellmu minn rivelazzjoni trinitarja. Fil-fatt Ġesù kellu jagħti l-mandat missjunarju li kellu jseħħ f'isem Alla Missier, Iben u Spirtu:  Morru fid-dinja u għallmu u għammdu fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu [Mt 28, 19].  U bis-saħħa tal-Magħmudija, min jemmen jidħol fil-ħajja tat-Trinità Mqaddsa [9]. L-Ispirtu s-Santu huwa Mħabba, fil-ħajja trinitarja;  huwa Persuna-Mħabba li ssir don mogħti lil kull min jemmen: L-imħabba ta' Alla ssawbet fina permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna [Rum 5, 5] [10].

C. Alla jifdi bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-fidwa tal-bniedem, li sseħħ fil-ġrajja tal-mewt u qawmien ta' Kristu, tiġi mgħoddija lilna fil-preżent, fil-qawwa kollha tagħha, mill-Ispirtu s-Santu. Għalhekk nistgħu ngħidu li Alla jikkomunika l-fidwa llum bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu [11].

Il-ħolqien jista' jitqies bħala Alla li jagħti lilu nnifsu lil bniedem - fid-don ta' l-esiżtenza tad-dinja u tal-bniedem, fid-don ta' l-għoti ta' l-ispirtu ta' Alla fin-nifs tal-ħajja - Ħa nagħmlu l-bniedem skond ix-xbieha tagħna...[Ġen 1, 26]. Fid-diskors ta' l-aħħar ċena, jekk inżommu dan l-isfond bibliku quddiem għajnejna, nindunaw li Ġesù iqis it-tluq tiegħu u l-wasla ta' l-Ispirtu s-Santu bħala ħolqien ġdid. Il-bniedem li jilqa' l-fidwa bil-fidi, jirċevi n-nifs tal-ħajja, jiġi maħluq mill-ġdid, bil-qawwa tal-ġrajja tal-fidwa li tneħħi d-dnub u l-mewt [13].

Għalhekk Ġesù kien stqarr li jaqblikom li jiena mmur...jekk immur nibgħatulkom [Ġw 16, 7]. Bit-tluq tiegħu, bl-iskandlu tas-salib, skandlu li ħoloq dwejjaq fl-appostli imma li Ġesù wiegħed li jbiddlu f'ferh [Ġw 16, 20], Alla kellu jwettaq ħolqien ġdid, effużjoni ġdida ta' l-Ispirtu. Bil-qawwa ta' l-Ispirtu, il-bniedem jinħoloq mill-ġdid u jsib mod ġdid kif jilqa' l-komunikazzjoni ta' Alla: U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier! [Gal 4, 6].

Bil-qawwa tas-Salib, mela, jiġi mogħti l-Ispirtu s-Santu lill-Knisja; u bil-presenza tiegħu, Alla jwettaq ħolien ġdid.

**L-Ispirtu s-Santu fir-rivelazzjoni ta' l-Antik Testment. L-Ispirtu s-Santu jimmanifesta lilu nnifsu fil-ħajja ta' Kristu u fil-Pentekoste [Parti I paragrafi 15-26].**

L-Antik Testment kien ħejja t-triq għar-rivelazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, anke jekk il-personalità ta' l-Ispirtu hija għal kollox moħbija fl-Antik Testment. Kien il-Profeta Iżaija li kien ħabbar li l-Messija kellu jkun mmexxi mill-Ispirtu s-Santu biex isir dawl għal ġnus kollha. Ġesù kellu jwettaq din il-profezija.

D. Il-Messija: l-ikkonsagrat mill-Ispirtu s-Santu:

Il-Kelma Messija/Kristu tfisser midluk, u fl-istorja tal-fidwa din id-dilka/konsagrazzjoni hija dilka bl-Ispirtu s-Santu. Jikkonferma San Pietru f'Atti 10, 37-38: Intom tafu b'dak li ġara mal-Lhudija kollha, ibda mill-Galilija, wara li Ġwanni xandar il-magħmudija; tafu kif Alla ikkonsagra lil Ġesù ta' Nazaret bl-Ispirtu s-Santu u l-qawwa...

Din il-konsagrazzjoni kienet imħejjija minn Iżaija, li spiss il-Ktieb tiegħu jissejjaħ il-Vanġelu ta' l-Antik Testment. Iżaija jħabbar il-wasla ta' persunaġġ misterjuż, persunaġġ li l-Gdid Testment ra fih lil Ġesù Kristu. Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, għad tinbet rimja minn għeruqu; fuqu jistrieħ l-Ispirtu tal-Mulej, l-ispirtu ta' l-għerf u d-dehen, l-ispirtu ta' l-għaqal u l-qawwa, l-ispirtu ta' l-għerf u l-biża' tal-Mulej, u l-għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej [Iż 11, 1-3]. B'din is-silta titħejja r-rivelazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu li sseħħ b'mod sħiħ fil-Ġdid Testment [15].

Fil-fatt il-Messija mwiegħed kellu jkun midluk/ikkonsagrat u jkun mimli bl-Ispirtu ta' Alla. Anzi, permezz tiegħu, Alla kellu jwassal l-istess don ta' l-Ispirtu

lill-poplu: L-Ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi, għax il-Mulej ikkonsagrani, biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, bagħatni ndewwi l-qalb miksura; biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs; biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej ...[Iż 61, 1-2]. Il-Messija kellu jkun mibgħut 'ma l-ispirtu tal-Mulej': Il-Mulej bagħat lili u l-ispirtu tiegħu...[Iż 48, 16]. Il-Qaddej ta' Alla kellu jirċevi dan id-don: Araw il-qaddej tiegħi, li jiena nwieżen, il-maħtur tiegħi li fih qalbi striehet! Qegħidt ir-ruħ tiegħi fuq...[Iż 42, 1]. Bil-qawwa ta' l-Ispirtu kellu jġib frott ta' fidwa lill-ġnus: Hu jġib il-ġustizzja lill-ġnus [42, 1], għamilt minnek patt tal-poplu, dawl tal-gnus [42, 6], biex is-salvazzjoni tiegħi sa truf l-art tinfirex [49, 6]; l-ispirtu tiegħi li hemm fik u kliemi li qegħidt f'fommok, ma jitbegħdux minn fommok jew minn fomm uliedek, u wlied uliedek, minn issa u għal dejjem - igħid il-Mulej [59, 21].

Dawn is-siltiet profetiċi naqrawhom fid-dawl tal-Vanġelu: nifhmu li l-Messija kellu jkun dak ġej mill-Ispirtu, bħala dak li jippossedi l-Ispirtu s-Santu, anzi l-milja ta' l-Ispirtu għalih u għall-oħrajn, għall-bnedmin kollha. Id-don ta' l-ispirtu huwa akkumpanjat mid-doni tal-fidwa li kellhom jiġu mogħtija lill-foqra [16].

Ta' min jiftakar li dak l-ispirtu tal-Mulej li jinżel fuq il-Messija tal-futur hu fuq kollox don ta' Alla għall-Qaddej tal-Mulej. Mhuwiex personalità distinta kif imbagħad rivelat fil-Ġdid Testment [17].

Ġesù Kristu kellu jerġa' jfakkar il-kliem ta' Iżaija fil-bidu tal-ministeru tiegħu fis-sinagoga ta' Nażaret. Hu juri li kien il-Messija ikkonsagrat mill-Ispirtu s-Santu: Ġesù qam biex jaqra. Tawh f'idejh il-ktieb ta' Iżaija l-profeta, fetħu u sab fejn kien hemm miktub dan li ġej: L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin. bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u d-dawl ġdid lill-yomja, irrodd il-ħelsien lill-maħqurin u

nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej......Din il-kitba seħħet illum  intom u tisimgħu[Lq 4, 16-21] [18].

E. Ġesù ta' Nażaret ikkonsagrat fl-Ispirtu s-Santu.

Il-missjoni ta' Ġesù li sseħħ bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu tiġi rivelata minn Ġwanni l-Battista f'xatt ix-xmara Ġordan:  Jien ngħammidkom bl-ilma, imma ġej wiehed aqwa minni li ma jistħoqqlix inħollu il-qfieli tal-qorq tiegħu.  Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar [Lq 3, 16]. Ġwanni jħabbar Messija li kellu jiġi bil-qawwa ta' l-Ispirtu u jqassam l-istess Spirtu, bil-qawwa tal-missjoni tiegħu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja.

Ix-xhieda ta' Ġwanni tiġi kkonfermata mill-Missier f'rivelazzjoni Trinitarja mill-isbaħ:  Ġesù tgħammed ukoll u waqt li kien qiegħed jitlob, is-smewwiet infetħu, u niżel l-Ispirtu s-Santu fuqu fis-sura ta' ħamiema. U mis-sema ġie leħen igħid: 'Inti Ibni l-għaziż:  fik sibt il-għaxqa tiegħi' [Lq 3, 21-22] [19].

Ġesù iwettaq il-missjoni tiegħu bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, mimli bl-Ispirtu, mmexxi mill-Ispirtu;  Ġesù, wara r-ritorn tat-72 dixxiplu, jifraħ fl-Ispirtu s-Santu  quddiem ir-realtà tal-paternità divina, paternità li huwa jirrivela liż-żgħar [20].  Ġesù jifraħ fl-Ispirtu s-Santu, iħoss l-Ispirtu jahdem fih, l-istess Spirtu li kien niżel fuqu f'xatt ix-xmara Ġordan.  L-għaqda ta' Kristu u l-Ispirtu tiġi biċ-ċar murija f'dak il-ferħ fl-Ispirtu.

F. Kristu Rxoxt igħid:  Ħudu l-Ispirtu s-Santu.

Ġesù huwa dak li jwassal id-don ta' l-Ispirtu s-Santu, don li kellu jiġi mogħti lill-appostli u lill-Knisja, frott il-fidwa tiegħu fuq is-Salib Imqaddes.

Ġesù iwassal l-Ispirtu s-Santu billi jirrivela min hu. Dak li l-Antik Testment kien iddeskriva bħala nifs tal-ħajja ta' Alla, id-don li kellu jiġi mogħti lill-Messija - bħala l-għajn tal-ħidma tiegħu, kif jiġi kkonfermat fil-ħajja ta' Ġesù, issa jiġi rivelat minn Ġesù.

L-Ispirtu mhuwiex biss don mogħti lill-Messija imma huwa Persuna-Don: huwa Difensur ieħor, Spirtu ta' Verità li jwassal lid-dixxipli ta' Ġesù għall-verità sħiħa; huwa Dak li huwa maqgħud ma Kristu - jieħu minn dak li huwa tiegħi u jħabbarulkom - għaqda li ssib il-għajn tagħna fil-Missier - Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi; għalhekk għidtilkom li jieħu minn dak li huwa tiegħi u jħabbarulkom -. L-Ispirtu huwa mibgħut mill-Missier; l-ewwel huwa mibgħut bħala don għall-Iben magħmul bniedem, Messija. Wara t-tluq ta' Ġesù, bis-saħħa tal-grajjiet tal-Għid - il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù - l-Ispirtu jiġi biex ikompli l-missjoni ta' l-Iben u jwettaq l-era l-ġdida tal-fidwa [22-23].

Dan jidher ċar fil-jum tal-qawmien: fil-qawmien Ġesù Kristu Sidna li, skond it-tnissil tal-ġisem twieled min-nisel ta' David, u skond l-Ispirtu s-Santu, kostitwit bhala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet [Rum 1, 3-4]. Bis-saħħa tal-qawmien Ġesù jwettaq il-wegħda tiegħu li jibgħat l-Ispirtu s-Santu, Spirtu li jbiddel il-bnedmin f'ħolqien ġdid!

Dak il-Ħadd filgħaxija, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom: u qalilhom: 'Is-sliem għalikom!' Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw il-Mulej. Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: 'Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom.' Kif qal ehkk, nefah fuqom u qalilhom: 'Ħudu l-Ispirtu s-Santu' [Ġw 20, 19-22].

Ġesù jwettaq kliemu: l-Imsallab/l-Irxoxt jonfoħ fuq id-dixxipli tiegħu, bil-qawwa; ibiddel in-niket f'ferħ; jagħti d-don ta' l-Ispirtu s-Santu, don li huwa l-frott tal-fidwa fuq is-Salib Imqaddes. Bil-qawwa tas-Salib jistqarr: 'Ħudu l-

Ispirtu s-Santu'. Kif Ġesù jwettaq il-missjoni tiegħu permezz tas-salib, hekk ukoll permezz tas-Salib jiġi mogħti l-Ispirtu.

Il-fidwa tiġi mwettqa bis-sħiħ mill-Iben, li wettaq din il-missjoni bil-qawwa ta' l-ispirtu s-Santu sal-offerta ta' ġismu fuq is-salib. Din il-fidwa, isseħħ kuljum u ssir preżenti fil-qlub u fil-kuxjenzi tal-bnedmin - fl-istorja tad-dinja - mill-Ispirtu Santu, id-Difensur l-ieħor [24].

G. L-Ispirtu s-Santu u ż-żmien tal-Knisja.

Fit-tmiem il-missjoni ta' Ġesù, il-mibgħut tal-Missier, nhar Pentekoste, jiġi mibgħut l-Ispirtu s-Santu biex iqaddes kontinwament il-Knisja u biex permezz ta' Kristu min jemmen jasal għand il-Missier fi Spirtu wieħed. Huwa l-Mulej li jagħti l-ħajja, l-għajn tal-ilma ħaj li jwassal sal-ħajja ta' dejjem; permezz tiegħu l-Missier jerġa' jagħti l-ħajja lill-bnedmin, li jmutu għad-dnub u jwassalhom għall-qawmien fi Kristu.

Fil-jum ta' Pentekoste titwieled il-Knisja; jitwettaq kliem Kristu b'mod pubbliku quddiem il-bnedmin kollha; tibda l-mixja tat-tixrid tal-Bxara t-tajba matul il-medda tas-sekli. Jibda żmien il-Knisja li tiġi mmexxija mill-Ispirtu s-Santu kif jixhed il-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli. L-Ispirtu s-Santu-don jibqa' presenza li taħdem fil-Knisja, don li jiġi mgħoddi mill-ordinazzjoni tas-suċċessuri ta' l-Appostli - huma jgħaddu d-don lill-ministri sagri li huma wkoll jgħadduh lil dawk li jemmnu bil-Magħmudija u l-Griżma.

Hu għalhekk li l-Knisja temmen li l-Ispirtu s-Santu jgħix fi qlub dawk li jemmnu bhal f'tempju[1 Kor 3, 16; 6, 19]; fihom jitlob u jixhed għall-adozzjoni tagħhom bħala wlied [Gal 4, 6; Rum 8,15-16.26]. Huwa jmexxi l-Knisja għall-verità sħiħa [Ġw 16, 13], igħaqqadha, iqaddisha u jqassam id-doni u l-frott tiegħu [Ef 4, 11; 12, 1; 1 Kor 12, 4; Gal 5, 22]. Bil-qawwa tal-Vanġelu jġedded

kontinwament iz-zgħożija tal-Knisja u jwassalha għall-għaqda perfetta ma' l-Għarus, Kristu.  Permezz tal-Knisja, l-Ispirtu s-Santu jġedded il-wiċċ ta' l-art [25-26].

# L-ISPIRTU S-SANTU U L-ĦAZEN

**L-Ispirtu s-Santu jikxef il-ħażen u d-dnub, iqiegħed din ir-realtà quddiem is-Salib ta' Kristu u jmexxi l-bniedem lejn il-fidwa [Parti II, 27-48].**

Meta Ġesù jħabbar il-wasla ta' l-Ispirtu s-Santu li kellu jintbagħat bħala frott il-fidwa fuq is-Salib Imqaddes, huwa jwiegħed: U meta huwa jiġi, juri lid-dinja li għandha żball dwar id-dnub, il-ġustizzja u l-ġudizzju: id, dnub filli huma ma jemmnux fija; il-ġustizzja, filli jien sejjer għand il-Misier, u intom m'intomx ser tarawni iżjed; il-ġudizzju, filli l-Prinċep ta' din id-dinja huwa ġa kkundannat [Ġw 16, 8-11].

X'inhuwa s-sens preċż ta' dan il-kliem? Meta Ġesù qed jitkellem mid-dnub, qed jitkellem mir-rifjut tal-persuna u l-missjoni tiegħu, rifjut li kellu jwassal għall-istess mewt ta' Ġesù. Meta jitkellem mill-ġustizzja, Ġesù kellu f'moħħu l-ġustizzja definittiva: l-Ispirtu s-Santu fil-fatt kellu juri d-dnub tad-dinja fiċ-ċaħda tal-Kristu fil-mewt, mewt li bħala skop imbagħad kellha li ssalva lill-istess bniedem. Il-ġudizzju imbagħad, huwa riżervat għall-Prinċep ta' din id-dinja, jiġifieri Satana, dak li ħadem mill-bidu biex iksser l-għaqda tal-bniedem ma Alla; huwa ġia ġġudikat, ikkundannat....waqt li l-Ispirtu Difensur ikompli l-ħidma tiegħu biex iwettaq fil-preżent il-fidwa ta' Kristu [27].

## Id-Denunċji u r-Rivelazzjonijiet ta' l-Ispirtu

1. L-Ispirtu jiddenunċja solennement li l-ikbar dnub kien ir-rifjut ta' Kristu.

Pietru jikkonferma dan fid-Diskors tiegħu nhar il-Pentekoste, meta iseħħu l-wegħdiet ta' Kristu, u jgħid dak li ċertament qabel ma kienx ikollu l-kuraġġ li jistqarr: Poplu ta' Iżrael, isimgħu dan li se ngħidilkom. Ġesù ta' Nażaret kien

bniedem li Alla takom prova tiegħu permezz tal-mirakli u l-għeġubijiet u s-sinjal li għamel bih fostkom, kif intom stess tafu. Lil dan Ġesù, Alla telaqhulkom f'idejkom skon il-għerf u l-pjan li fassal minn qabel, u intom neħħejthuh billi sallabtuh permezz ta' nies ħżiena; imma Alla qajmu mill-imwiet billi ħall l-irbit tal-mewt, għaliex ma setax ikun li l-mewt iżżommu taħt is-setgħa tiegħu [Atti 2, 22-24]. Hija l-ewwel xhieda fuq Kristu Imsallab u Irxoxtat, xhieda mistqarra bil-qawwa ta' l-Ispirtu....xhieda li kellha turi lid-dinja d-dnub tagħha [30].

2. L-Ispirtu s-Santu juri solennement li l-dnub jinħafer, anke l-ikbar dnub li seta' jagħmel il-bniedem.

U anke din ix-xhieda ssir f'fomm l-appostlu Pietru, immexxi mill-Ispirtu s-Santu: Mela ħa jkun jaf fi żgur il-poplu kollu ta' Iżrael li lil dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija. Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalhom, u qalu lil Pietru u lil l-appostli l-oħra: 'L-aħwa għandna nagħmlu aħna?' U Pietru weġibhom: 'Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċevu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu ' [Atti 2, 36-38].

L-Ispirtu li juri d-dnub, juri wkoll it-triq tal-konverżjoni u l-ħajja: l-Ispirtu jagħti l-qawwa tal-verità fil-kuxjenza, jiġifieri li wieħed l-ewwel u qabel kollox jagħraf id-dnub; imbagħad id-don tal-fidwa li sseħħ fil-preżent f'min jindem. Fil-fatt huwa l-Ispirtu tal-Verità u d-Difensur, dak li jagħti l-Faraġ. Hu biss jista' jdawwal il-kuxjenza tal-bniedem u jurih il-verità ta' dnubietu fid-dawl ta' Kristu Imsallab u Irxoxt. Minngħajr dan l-Ispirtu tal-Verità, il-bniedem qajla jasal biex jifhem u jagħraf il-verità ta' dnubietu [31-32].

3. L-ewwel dnub huwa r-rifjut tal-Kelma ta' Alla. Ħarsa lejn il-Ktieb tal-Ġenesi tfakkarna li d-dnub fundamentali tal-bniedem huwa d-diżubbidjenza; ir-rieda tal-bniedem tirrifjuta li tilqa' r-rieda ta' Alla. GĦandna rifjut tar-rieda ta' Alla fil-Kelma tiegħu. Mela d-dnub huwa r-rifjut tal-Kelma ta' Alla li tidher fi Kristu Ġesù, rifjut li jiġi espress fid-diżubbidjenza. Huwa r-rifjut tal-ħbiberija ma Alla offruta permezz ta' Kristu Hija l-għażla li wieħed igħix il-gideb, imġarrab mill-istess 'missier il-gideb' [33].

4. Id-dnub għandu żewġ faċċati: in-nuqqas ta' twemmin u l-gideb li juru ruħħom fir-rifjut tad-don tal-fidwa, fir-rifjut ta' l-imħabba ta' Alla. U dan jista' jiġi rrivelat lill-bniedem biss permezz ta' l-Ispirtu li igħarbel kollox, is-sigrieti l-aktar mistura tal-bniedem [ara: 1 Kor 2, 10].

5. Id-dnub huwa diżubbidjenza, tagħti dahrek lil Alla, egħluq tar-rieda ħielsa tal-bniedem lejn Alla, ftuħ tar-rieda lejn 'missier il-gideb'. Il-Ktieb ta' Ġenesi ifakkarna li d-dnub tal-bniedem huwa d-diżubbidjenza lejn ir-rieda ta' Alla li jwassal il-bniedem lejn il-perfezzjoni; hija diżubbidjenza f'att ta' suppervja ta' l-għajn tal-ħajja tal-bniedem, f'xewqa li l-bniedem jiddeċedi hu t-tajjeb u l-ħażin. Jekk Kristu hu l-Verità, jekk l-Ispirtu huwa l-Ispirtu tal-Verità, id-dnub jidher bħala l-għeluq għall-verità u l-ftuħ tar-rieda tal-bniedem lejn l-anti-verità, il-gideb. Bit-tiġrib ta' 'missier il-ġideb', titwieled il-gidba li Alla huwa kontra l-bniedem, jassar ir-rieda ħielsa tal-bniedem..... [36-38].

6. Id-dnub huwa s-sofferenza u d-delużjoni ta' Alla, imħabba traduta; id-dnub huwa sofferenza għall-bniedem.

L-Ispirtu, li igħarbel il-profondità ta' Alla, juri d-dimensjoni tad-dnub lill-bniedem; hu għalhekk li l-Knisja, imdawwla mir-rivelazzjoni, temmen li d-dnub huwa offiża kontra Alla, ċaħda ta' l-imħabba u r-rieda ta' Alla, aċċettazzjoni tas-suspett, frott 'missier il-gideb', li Alla mhuwiex imħabba. Fil-profondità ta' Alla, l-Ispirtu igħarbel u juri li d-dnub huwa 'sofferenza' għall-qalb ta' Alla l-Missier, id-dnub huwa d-delużjoni ta' Alla!

Jekk id-dnub, fiċ-ċaħda ta' l-imħabba, wassal anke għas-sofferenza tal-bniedem li tmiss ukoll il-ħolqien kollu, l-Ispirtu s-Santu jidħol f'din is-sofferenza bħala imħabba u jwassal il-maħfra, il-fidwa u l-ħajja ta' Alla mill-ġdid [39].

7. It-tbatija tirbaħ u tifdi d-dnub. Id-dnub jiġi mifdi u mirbuħ fis-sagrifiċċju tal-Ħaruf ta' Alla, li fil-mewt sar qaddej ubbidjenti - b'hekk id-diżubbidjenza tal-bniedem tiġi mifdija u sseħħ il-fidwa. U l-fidwa sseħħ permezz ta' Ġesù bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu; it-tbatija tinbidel f'imħabba li tifdi!

Jekk id-demm tal-mogħoż u tal-gniedes u l-irmied ta' l-għoġiela mraxxax fuq li dawk li huma mniġġsa jista' jqaddishom billi jagħtihom l-indafa tal-ġisem, kemm aktar id-demm ta' Kristu, li bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu vittma safja lil Alla, jista' jnaddaf il-kuxjenza tagħkom mill-għamil mejjet biex taqdu lil Alla l-ħaj! [Lhud 9, 13-14]. Fl-offerta sagrifikali ta' ġismu bil-qawwa ta' l-Ispirtu, Kristu ubbidjenti, isir bniedem għall-bnedmin u jieħu fuqu d-dnubiet kollha tagħhom, u f'dan l-att ta' ubbidjenza jirbaħ id-diżubbidjenza tal-bniedem u jġib il-fidwa. It-tbatija tas-salib, tiġi mibdula mill-Ispirtu f'imħabba, f'imħabba li tifdi, f'imħabba li taħfer, imħabba u maħfra li jiġu rejalizzati fil-preżent fil-maħfra tad-dnubiet li sseħħ frott is-salib ta' Kristu, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu [40 -42].

9. Il-kuxjenza hija t-triq li l-Ispirtu juża biex imexxi u jeduka l-bniedem fil-ġlieda kontra d-dnub. Il-kuxjenza hija l-leħen ta' Alla, kapaċita' li tmexxina lejn it-tajjeb u tbiegħdna mill-ħażen, kapaċita' mogħtija mill-Ħallieq lil kull bniedem.

Jekk il-kuxjenza hija retta, tgħinna biex insolvu skond il-verita il-problemi morali li naffrontaw kemm fil-ħajja individwali u kemm fil-ħajja soċjali.

**L-enċiklika fuq**

**Il-Mixja tal-Kuxjenza**

1. Tagħraf dak li hu ħażin: l-ewwel frott ta' kuxjenza retta hi li tagħraf verament dak li huwa tajjeb u dak li huwa ħażin [43].

2. Tiġġudika l-ħażen: il-kuxjenza tagħmel ġudizzju imdawwla mill-ordnijiet u l-projbizzjonijiet interjuri [45].

3. Tirrifletti u ssofri minħabba l-ħażen - tasal għall-indiema u għall-maħfra.: hija sofferenza interjuri għall-ħażen li wieħed jagħmel, sofferenza li bil-qawwa ta' l-Ispirtu ssir indiema li twassal għall-maħfra. Hija s-sofferenza maqgħuda mat-tbatija ta' Kristu, tbatija li ssir imħabba li tifdi. Hija tbatija li twassal għall-indiema, għall-konverżjoni tal-qalb. Jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-maħfra, frott il-fidwa ta' Kristu, rejalizzata fil-preżent bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Fil-fatt, kemm aktar id-demm ta' Kristu, li bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu vittma safja lil Alla, jista' jnaddaf il-kuxjenza tagħkom mill-għamil mejjet biex taqdu lil Alla l-ħaj! [Lhud 9, 13-14]

10. Id-dnub huwa mqiegħed taħt il-qawwa tal-fidwa. Huwa proprju għalhekk li l-Kristjaneżmu jiċħad il-fataliżmu rigward id-dnub, kemm fil-ħajja individwali,

kemm fil-ħajja soċjali. Għax l-Ispirtu, veru juri d-dnub, imma dan jagħmlu fid-dawl ta' Kristu Imsallab, u dan il-għarfien iwassal għall-indiema u għall-maħfra tad-dnubiet.

Il-ġlieda kontra s-setgħa tad-dlamijiet hija ġlieda iebsa li bdiet sa mill-bidu u tkompli sa l-aħħar. Imma l-Mulej stess ġie biex jeħles lill-bniedem u jagħtih il-qawwa f'din il-ġlieda [44].

11. Dnub wieħed biss ma jinhafirx: id-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu: Huwa kliem impressjonanti ta' Ġesù: Tassew, ngħidilkom, kollox jinħafrilhom lil ulied il-bniedem, id-dnubiet u d-dagħa kollha li jidgħu. Imma min jidgħi bl-Ispirtu s-Santu ma jkollu qall maħfra: jibqa' ħati għal dejjem [Mk 3, 28].

Id-dnub jikkonsisti filli wieħed jirrifjuta li jilqa' il-fidwa li Alla joffri permezz ta' l-Ispirtu s-Santu frott is-Salib Imqaddes...ir-rifjut radikali li wieħed jikkonverti...meta l-bniedem jaħseb li għandu dritt li jippersevera fil-ħażen u jiċħad id-demm tal-maħfra u il-fidwa [46].

Hija l-ebusija tal-qalb....it-telfien tas-sens tad-dnub, it-telfien tas-sens ta' Alla li jitfi l-Ispirtu u jnikket lill-Ispirtu s-Santu [ara: 1Tess 5, 19; Ef 4, 30].

Hu għalhekk li l-Knisja titlob u taqdi l-bniedem biex l-istorja tal-kuxjenzi u l-istorja tal-familja umana ma ddurx lejn id-dnub...imma tiġi mgħollija lejn l-Imħabba, li fiha jirrivela lilu nnifsu l-Ispirtu s-Santu l-Mulej li jagħti l-ħajja! [48].

**L-ISPIRTU S-SANTU u T-TAJJEB**

**HU l-MULEJ LI JAGĦTI L-ĦAJJA**

**L-Ispirtu s-Santu u t-tajjeb: Hu il-Mulej li jagħti l-ħajja! L-Inkarnazzjoni bħala l-ikbar manifestazzjoni ta' l-Ispirtu li jagħti wkoll il-ħajja lil dawk kollha li jemmnu [49 - 67]**

Bħala Knisja rridu ndawwru ħarsitna u ħsibijietna lejn dan il-Misteru ta' l-għaġeb, li huwa l-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti li ħajja.

1. L-Inkarnazzjoni tal-Kelma hija l-ikbar ġrajja tal-Ispirtu s-Santu fl-istorja tal-ħolqien. Fil-fatt, il-Knisja tistqarr il-fidi tagħha fil-Misteru tal-Inkarnazzjoni bħala l-Misteru Ewlieni tal-fidi dejjem b'riferenza diretta ma l-Ispirtu s-Santu. San Luqa jirrakkonta: L-Ispirtu s-Santu jinżel fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek, u għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla [Lq 1, 35]. Anke San Mattew jistqarr l-istess fidi: It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset ma Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu.....Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu... [Mt 1, 18; 20].

Bl-Inkarnazzjoni, imwettqa mill-Ispirtu s-Santu, għandna l-qofol tal-awto-komunikazzjoni ta' Alla mal-bniedem. Jekk bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, l-Iben ta' Alla isir bniedem u jgħammar fostna u jsir ħaġa waħda mal-bnedmin u

mal-ħolqien kollu, hekk ukoll bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, il-bniedem jista' jingħaqad aktar bis-sħiħ man-natura divina ta' l-Iben ta' Alla.

F'dan id-dawl Marija hija dik il-mara li bl-ubbidjenza tal-fidi tagħha, infetħet għal kollox għad-don ta' l-awto-komunikazzjoni ta' Alla, komunikazzjoni li ssir bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu [49-51].

2. Il-ħajja tinfirex u tikber. Bil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu li jagħti l-ħajja, tilħaq il-qofol tagħha. Hija ħajja li bl-istess qawwa ta' l-Ispirtu trid tinfirex u tikber f'dawk kollha li jilqgħu lill-Iben ta' Alla. U din il-ħajja ġdida tiġi mogħtija bl-istess qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.

U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni mimli bil-grazzja u l-verità...kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.....lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla [Ġw 1, 14. 4. 12]. U dan kollu iseħħ bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu!

Ulied Alla huma dawk li jiġu mmexxija mill-Ispirtu s-Santu [Rm 8, 14]; ulied Alla insiru meta bil-fidi nemmnu fl-Iben ta' Alla u l-Missier jibgħat fi qlubna l-Ispirtu ta' Ibnu [Rm 5, 5]; irċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: 'Abba Missier!' Dan l-Ispirtu jixhed flimkien ma' l-Ispirtu tagħna li aħna wlied Alla. Jekk aħna wlied, aħna wkoll werrieta, werrieta ta' Alla, werrieta ma' Kristu [Rm 8. 15-17].

Il-ħlejjaq kollha u l-ħolqien kollu mela jaslu għall-milja tagħhom bil-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u bil-qawwa tal-Fidwa: it-tiġdid ta' kollox isir bil-qawwa tal-Misteru ta' Kristu, misteru li jġedded fil-preżent bil-ħidma bla tieqaf ta' l-Ispirtu s-Santu li jagħti l-ħajja. B'hekk il-ħajja umana tipparteċpa fil-ħajja divina u takkwista dimensjoni divina u sopranaturali [52].

3. Din il-ħajja divina trid tilħaq il-bnedmin kollha. Kristu miet għal kulħadd; is-sejha aħharija ta' kull bniedem hija li jingħaqad ma' Alla u għalhekk l-Ispirtu s-Santu jagħti lil kulħadd il-possibilità li jingħaqad mal-misteru ta' l-Għid ta' Kristu. Fil-fatt irridu nistqarru li l-Ispirtu s-Santu huwa il-prinċpju ta' kull azzjoni salvifika ta' Alla fid-dinja: huwa, Alla l-moħbi, bħala imħabba u don jimla l-univers kollu [54].

4. Il-ħajja divina spiss tiġi issirilha resiżtenza. Anke l-ħajja mmexxija mill-Ispirtu s-Santu, spiss issir sinjal ta' kuntradizzjoni, fl-istess ħajja interna ta' kull bniedem: Jien ngħidilkom, imxu fl-Ispirtu u taqgħux għall-passjonijiet tal-ġisem. Il-passjonijiet tal-ġisem huma kontra l-ispirtu, u l-ispirtu hu kontra l-ġisem; dawn it-tnejn huma kontra xulxin, biex ma jħallukomx tagħmlu dak li tixtiequ. Jekk lilkom imexxikom l-ispirtu, m'intoms taħt il-liġi. L-egħmejjel tal-ġisem huma magħrufa: żina, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija, seħer, minegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbaħrid, u ħwejjeġ bħal dawn. Inwissikom, bħalma wissejtkom qabel, min jagħmel dawn il-ħwejjeġ ma jiretx is-saltna ta' Alla. Il-frott ta' l-Ispirtu huma: l-imħabba, il-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan. Kontra dawn ma hemmx liġi. Dawk li huma ta' Kristu Ġesù sallbu l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu. Jekk ngħixu bl-ispirtu, ħalli nimxu bl-ispirtu...[Gal 5, 16-26].

Dawk li jgħixu skond il-ġisem, ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-ġisem; dawk li jgħixu skond l-Ispirtu, ħsiebhom fil-ħwejjeġ ta' l-Ispirtu. Ix-xewqat tal-ġisem iwasslu għall-mewt, ix-xewqat ta' l-Ispirtu jwasslu għall-ħajja u s-sliem [Rum 8, 5-6].

L-Ispirtu jiġi mogħti bħala don biex il-bniedem jgħix skond l-Ispirtu u joħroġ rebbieħ f'din il-ġlieda interjuri. Ta' min ser tkun ir-rebħa? Ta' min jilqa' d-don ta' l-Ispirtu qaddis ta' Alla [55].

5. Il-ħajja divina spiss tiġi miċħuda. Tiġi miċħuda per eżempju mill-materjaliżmu bħala idejoloġija; il-materjaliżmu fil-fatt jeskludi radikalment il-presenza u l-azzjoni ta' Alla, li huwa spirtu, fid-dinja u fuq kollox fil-bniedem.

Is-sinjali tal-mewt, fl-assenza ta' l-Ispirtu li jagħti l-ħajja, huma ċari: in-nuqqas tar-rispett lejn il-hajja, il-gwerer, il-ġirja għall-armamenti, il-ġuħ fid-dinja, aborti, ewtanasja, terroriżmu, mibegħda eċċ.

Imma fost dawn is-sinjal tal-mewt, aħna nemmnu li l-Ispirtu jkompli jonfoħ fejn irid; anzi nemmnu fl-Ispirtu li igħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna [Rum 8,28] u jseddaqna fit-tama li ma tqarraqx bina [56-57].

6. Il-ħajja divina hija qawwa li ħadd ma jista' jiqfilha. F'isem il-qawmien ta' Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet il-Knisja xxandar il-ħajja, u tħabbar u tippriedka lil dak li jagħtiha: l-Ispirtu s-Santu. Miegħu tikkollabora biex tagħti l-ħajja lill-bnedmin u lid-dinja.

It-talba ta' Pawlu f'Efes 3, 14-16 hija t-talba li tesprimi s-servizz tal-Knisja: Jiena ninżel għarrkobbtejja quddiem il-Missier li minnu tieħu isimha kull familja fis-sema u fl-art, biex skond il-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li permezz ta' l-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa...

Bid-don tal-grazzja mogħtija mill-Ispirtu s-Santu, il-bniedem jidħol f'ħajja ġdida, jidħol fl-isfera tad-divin; isir tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, minħabba l-presenza divina li tgħammar fih. Hija presenza li tqaddsu, tbiddlu, u mill-intimità tiegħu l-Ispirtu ikompli jġeddu u jġedded il-wiċċ ta' l-art.

Bil-qawwa ta' l-Ispirtu li joħloq din il-ħajja divina fil-bniedem, il-bniedem huwa ġdid, imdawwal....aktar uman, bil-kapaċtà, li bħall-ispirtu fih, jingħata dejjem lil oħrajn! Din hija l-antropoloġija nisranija [58-59].

7. Il-ħajja divina toħloq umanità ġdida. L-insara, bl-ubbidjenza tagħhom lejn l-Ispirtu s-Santu, jikkontribwixxu għat-tiġdid tal-wiċċ ta' l-art...jikkollaboraw ma l-umanità kollha għall-ħolqien ta' ċiviltà ġdida, iċ-ċiviltà tal-imħabba li tagħraf tapprezza f'kull bniedem dak li huwa tajjeb, nobbli u sabiħ.

8. Il-ħajja divina tagħti ħajja lil Knisja, b'mod partikulari permezz tas-sagramenti. Fid-diskors tat-tluq tiegħu, Ġesù ħabbar mhux biss it-tluq tiegħu imma wkoll il-presenza dejjiena tiegħu: Jiena magħkom sa l-aħhar taż-żminijiet: Fil-fatt, Kristu huwa dejjem preżenti fil-Knisja tiegħu, permezz tas-sagramenti, bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, tant li l-Knisja hija l-istess ġisem tiegħu.

U forsi dan jidher l-aktar ċar permezz tas-Sagrament ta' l-Ewkaristija. Hu permezz ta' dan is-Sagrament li l-persuni u l-komunitajiet insara kollha, immexxija mill-Ispirtu Difensur, jitgħallmu jiskopru is-sens divin tal-ħajja, il-bniedem isib lilu nnifsu fl-għaqda ma Alla u ma l-oħrajn.

Permezz tas-Sagramenti, bil-qawwa ta' l-Ispirtu, Kristu huwapreżenti u jaħdem - tingħata l-ħajja! [61-63]

9. Il-ħajja divina tgħaqqad il-bnedmin kollha. Alla jrid li l-bnedmin kollha isalvaw u jaslu għall-għarfien tal-verità. Il-fidwa hija għall-bnedmin kollha, għal ħolqien kollu; il-fidwa tgħaqqad il-bnedmin kollha u għalhekk il-Knisja

hija msejħa biex taqdi dan is-servizz ta' għaqda. U dan tagħmlu bil-qawwa ta' l-Ispirtu li jimla lil bnedmin u jmexxihom, flimkien mal-ħolqien kollu lejn Alla nnifsu [64].

10. Il-ħajja divina bid-dieher tesprimi ruħha kull fejn hemm it-talb. Kull fejn hemm it-talb fid-dinja, hemm l-Ispirtu s-Santu, in-nifs tal-ħajja ta' kull talba. Hekk ukoll l-Ispirtu, min-naħa tiegħu igħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna. Għax aħna anqas nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem; u Alla, li l-ħarsa tiegħu tinfed il-qlub, jaf xinhi x-xewqa ta' l-Ispirtu: bit-talb tiegħu jidħol għall-qaddisin skond ma jrid Alla [Rum 8, 28-30].

L-Ispirtu jrendi t-talb kapaċi li jgħolli l-bniedem, isalvah mill-iżbalji proprji tiegħu...isaħħu u jqaddsu kontinwament.

Il-Knisja li harġet miċ-Ċenaklu dakinhar ta' Pentekoste, f'ċertu sens qatt ma ħallietu...fil-fatt il-Knisja tippersevera fit-talb ma' l-Appostli u ma Marija Omm Ġesù.

It-talba tal-Knisja, ta' kull dixxiplu tal-Mulej hija t-talba li l-Ispirtu u l-Għarusa/il-Knisja jitolbu kontiwament: Ejja Mulej Ġesù! Huwa l-Ispirtu li jinterċedi għalina, jitlob hu stess mal-Knisja u fil-Knisja [66].

**KONKLUZJONI** [67]

Spirtu Qaddis

Int il-ħarries tat-tama

fil-qalb ta' kull bniedem.

Inti ssaffi

dak kollu li jkisser il-bniedem.

Inti timla l-univers.

Il-Knisja tħares lejk,

lejk li inti mħabba

għax toħloq fuq l-art

iċ-ċiviltà ta' l-Imħabba.

Int, Spirtu tas-sliem

imla l-univers

bl-imħabba u l-paċi!